MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 69/1996/1

**Angelo Caruana**

**vs**

**Pietru, Emanuel, Joseph u Maria Lourdes mart Joseph Mifsud f'isimha proprju u ghan-nom tal-interdett huha Bernard, ilkoll ahwa Bugeja u Anthony Camilleri u b'digriet tal-Qorti tat-13 ta' Mejju 1999, wara l-mewt ta' Joseph Bugeja il-gudizzju gie trasfuz f'isem Giovanna Bugeja, Patrick Bugeja u Catherine mart John Grech**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi wara avviz prezentat mill-konvenuti odjerni dawn issottomettew li huma proprjetarji ta' art mlaqqma "Tal-

Avukat" fil-kuntrada ta' Fulija limiti taz-Zurrieq u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li jgib (*sic*) id-data tal-25 ta' Mejju 1995 (Avviz Numru 175/93) l-attur kien gie ordnat jizgombra minn dina l-ghalqa; illi skond ricerki li saru fir-Registru Pubbliku issa rrizulta li ma kienx minnu li l-konvenuti ghandhom l-imsemmija ghalqa u jirrizulta anzi li dawn ghandhom parti u dan ai termini ta' kuntratt tat-22 ta' Frar 1969 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis u sussegwentement minn kuntratt tal-24 ta' Jannar 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel u l-kuntratt tal-11 ta' Awissu 1995 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja; u illi ghalhekk dina s-sentenza giet akkwistata b'qerq minn naha tal-konvenuti odjerni u dan ai termini tal-Artikolu 811 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dannu ghall-attur stante li ottenew li jigi zgumbrat meta huma qatt ma setghu jaghmlu dina t-talba ghall-ghalqa kollha izda ghall-parti minnha biss; talab ghaliex dika l-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 811(a) tal-Kodici ta' Organizzzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati hija nulla u minghajr effett; 2. tordna illi l-kawza imsemmija terga' tinstema' mill-gdid ai termini tal-Artikolu 820(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; bl-ispejjes u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok in-nullità ta' l-azzjoni stante li l-attur qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni ta' kawza citata fl-istess citazazzjoni u li l-konvenut Anthony Camilleri ma kienx parti fiha - kwindi t-talba ghar-ritrattazzjoni ma tistax tintlaqa' peress li l-okkju tac-citazzjoni odjerna ma jirriflettix l-okkju tas-sentenza li qeghda tigi attakkata u ghalhekk il-konvenuti kollha ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-azzjoni huija perenta ai termini ta' l-artikolu 818 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghax mill-iskoperta ta' l-allegat qerq, il-kawza odjerna ma gietx intavolata entro t-tlett xhur;

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, hadd mill-konvenuti ma ezercita xi xorta ta' qerq kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Anthony Camilleri, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza *in parte* tas-sebgha (7) ta' April, 1997 illi permezz taghha l-ewwel Qorti iddecidiet hekk:

"… stante li l-posizzjoni giet sanata bin-nota tal-21 ta' Jannar 1997, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni mqajma mill-konvenuti u stante li ma hemmx provvedimenti ohra x'jittiehdu f'dan l-istadju, tordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez ta' dan il-gudikat jibqghu ghal issa, rizervati";

Rat is-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju, 2001 illi permezz taghha l-ewwel Qorti ddeciediet hekk:

"… tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu hlief dawk tal-gudikat tas-7 ta' April 1997 li ghandhom ikunu akarigu tal-konvenuti",
u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi bil-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2001 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti u cioè illi l-azzjoni attrici hija perenta ai termini ta' l-artikolu 818 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress illi l-atturi qieghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq l-artikolu 811(a) u cioè illi s-sentenza tkun ittiehdet b'qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ghall-ohra, l-artikolu 818(a) jippreskrivi terminu ta' tlett xhur minn mindu gie skopert il-qerq sabiex l-atturi jressqu l-kaz taghhom. B'din it-tieni eccezzjoni l-konvenuti qieghdin ighidu illi minkejja illi l-atturi kienu jafu b'dan il-qerq huma ppresentaw din il-kawza oltre t-terminu ta' tlett xhur imsemmi mill-ligi.

"Ikkundisrat:

“Illi minkejja li dan il-process fih hafna dokumenti u atti, ghal dak li jirrigwarda din l-eccezzjoni ftit li xejn hemm provi. A fol 155 tal-process hemm kopja ta’ avviz maghmul mill-attur kontra l-konvenuti fejn dak ta’ l-ewwel qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tannulla sentenza illi giet ottenuta b’ingann u b’qerq. Dan l-avviz gie pprezentat fid-9 ta’ Ottubru, 1995 u sussegwentement gie abbandunat mill-istess attur. Dana ifisser quindi illi zgur sa dik id-data cioè 9 ta’ Ottubru, 1995 l-attur kien digà skopra dan l-allegat qerq illi huwa ighid illi gie kommess mill-konvenuti fil-konfront tieghu.

“Din ic-citazzjoni giet ippresentata fit-2 ta’ Frar 1996, kwazi erba’ xhur wara li l-attur odjern skopra dan l-ingann jew qerq. It-terminu msemmi fl-artikolu 818(a) huwa wiehed ta’ dekadenza u ta’ rigur, u ghalhekk mhux soggett ghall-interruzzjoni jew sospensjoni, dana l-ghaliex ir-ritrattazzjoni hu rimedju straordinarju moghti mill-ligi sabiex tiggustifika kazijiet ta’ ngustizzja unekwivoci li ma jistghux jigu sanati xorta ohra.
“Ghalhekk dan l-istitut ma jistax jigi abbuzat u t-terminu moghti mill-ligi hu wiehed ta’ dekadenza biex il-partijiet ikunu jafu ezatt fejn qeghdin u darba tinghata sentenza u dina tigi definittiva m’ghandux jithalla stat ta’ incertezza billi kawza tkun tista’ tinfetah mill-gdid f’kwalunkwe zmien parti jidrilha opportun. Il-Ligi ghalhekk trid illi tistabilixxi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet b’mod definittiv u darba nghatat l-ahhar kelma mhux il-kaz li tirrenja stat ta’ incertezza ghal perpetwità. Din hi r-raguni l-ghala l-Ligi tipprefiggi dan it-terminu illi din il-Qorti tqis bhala wiehed ta’ rigur u li ma jistax bl-ebda mod jigi estiz. La l-attur ma agixxiex fit-teminu moghti lilu mill-ligi, ma jistax aktar iressaq din l-azzjoni fil-konfront tal-konvenuti ghal din il-kawza illi issa saret definittiva.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta’ Mejju 2001 billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u terga’ tibghat l-atti lill-ewwel Qorti , bl-ispejjes ta’ l-appell u prim istanza kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati illi permezz taghha ssottomettew illi s-sentenza appellata timmerita li tigi konfermata fl-intierità taghha;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi ma sarx appell kontra s-sentenza *in parte* hawn fuq imsemmija pronunzjata fis-7 ta' April, 1997 u illi l-appell odjern huwa dirett biss kontra s-sentenza tat-28 ta' Mejju, 2001;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-attur appellant kontra s-sentenza tat-28 ta' Mejju, 2001 huwa illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… l-ewwel Onorabbli Qorti ma ghamletx bizzejjed l-analizi legali pertinenti ghal kaz odjern. Di fatti hemm zewg punti li ma gewx ikkunsidrati fl-analizi shiha tal-atti." L-appellant ikompli jghid illi dawn iz-"zewg punti" huma:

1. "… l-imsemmija atti legali kif citati mill-imsemmija Qorti jikkostitwixxu kontinwità."
2. "… l-punt sollevat mill-esponenti u cioè dak tal-qerq jimmerita aktar attenzjoni."

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-ewwel "punt" imsemmi mill-appellant, huwa utili illi jigi riprodott is-segwenti bran mis-sentenza appellata:

"*… A fol 155 tal-process hemm kopja ta' avviz maghmul mill-attur kontra l-konvenuti fejn dak ta' l-ewwel qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tannulla sentenza illi giet ottenuta b'ingann u b'qerq. Dan l-avviz gie ppresentat fid-9 ta' Ottubru, 1995 u sussegwentement gie abbandunat mill-istess attur. Dana jfisser quindi illi zgur sa dik id-data*

*cioè 9 ta' Ottubru, 1995 l-attur kien digà skopra dan l-allegat qerq illi huwa ighid illi gie kommess mill-konvenuti fil-konfront tieghu.*

"*Din ic-citazzjoni giet ippresentata fit-2 ta' Frar, 1996, kwazi erba xhur wara li l-attur odjern skopra dan l-ingann jew qerq. It-terminu imsemmi fl-artikolu 818(a) huwa wiehed ta' dekadenza u ta' rigur, u ghalhekk mhux soggett ghall-interruzzjoni jew sospensjoni …*" (sottonlinear ta' dina l-Qorti)

Illi m'hemmx dubbju illi meta fil-"punt" in ezami l-attur appellant semma l-"atti legali kif citati mill-imsemmija Qorti" huwa kien qed jirreferi ghall-atti gjudizzjarji illi saret riferenza ghalihom fil-bran appena citat mis-sentenza appellata, jigifieri l-Avviz ipprezentat fid-9 ta' Ottubru 1995 u c-citazzjoni odjerna;

Illi dina l-Qorti taqbel perfettament mal-kontenut ta' dan il-bran citat mill-imsemmija sentenza appellata, kemm ghal dawk illi huma elementi fattwali u kemm ghal dik illi hija enunzjazzjoni tal-pozizzjoni legali *in materja*. L-element tal-"kontinwità" invokat mill-attur appellant huwa invenzjoni tieghu u ma ghandu ebda post fir-regim legali taghna *in materja*. Ghalhekk, l-aggravju ta' l-attur appellant bazat fuq dan il-"punt" mhux fondat u, inoltre, huwa frivolu u vessatorju;

Ikkunsidrat:

Illi huwa daqstant frivolu u vessatorju l-"punt" l-iehor sollevat mill-attur appellant. Dwar dan il-"punt" dina l-Qorti tillimita ruhha filli ticcita *in toto* t-tieni (2) sottomissjoni tal-konvenuti appellati fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' appell:

"Illi dwar it-tieni aggravju dana huwa irritu u null peress li jitratta l-mertu tal-kawza, li qatt ma gie gie deciz mill-ewwel Qorti u dan peress li llimitat ruhha ghall-eccezzjoni tal-perentorjetà tal-azzjoni kif proposta." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ l-attur u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant, b’dan illi, peress illi l-appell interpost huwa wiehed frivolu u vessatorju, b’applikazzjoni tal-artikolu 223(4) tal-Kap 12, tordna lill-attur appellant ihallas spejjes doppji lill-konvenuti appellati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------